MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Numru 77/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**

**vs**

**Pauline Pisani**
**Stephen Mifsud**

Il-Qorti,

Rat li l-imputata Pauline Pisani ta’ 21 sena bint missier mhux maghruf u Maria Pisani mitwielda Pieta’ nhar id-9 ta’ Novembru, 1985 u prezentament residenti gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 558785(M) u l-imputat Stephen Mifsud ta’ 35 sena, iben Carmel u Maria nee’ Debono, imwieled Pieta’ nhar it-8 ta’ Lulju 1972, prezentament residenti gewwa l-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u detentur tal-karta

tal-identita' bin-numru 425172(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Gewwa l-Mellieha nhar id-9 ta' Ottubru 2007, ghall-habta tal-4:45pm bil-hsieb li jezorcitaw flus jew xi haga ohra, jew li jaghmlu xi qliegh, jew bil-hsieb li jgieghlu lil persuna ohra u cioe' lil omissis, jesegwixxi, jiddistruggi, iqalleb jew ibiddel testament jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, heddew li jaghmlu denunzja jew kwerela kontra jew li jaghtu malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra.

Rrendew ruhhom recedivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti tal-Magistrati, Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta' Jannar, 2007 (esebit *a folio* 26 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2009 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2009 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghal finijiet ta’ l-piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew l-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 250 (i) 49, 50, 31 u 41 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputati Stephen Mifsud u Pauline Pisani hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u tikkundannahom hames (5) xhur prigunerija kull wiehed.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputati b’ obbligazzjoni personali taht penali ta’ tlett mitt ewro (€300) kull wiehed ghal zmien tnax (12)-il xahar millum milli jimmolestaw u jivvessaw lil omissis u lil familja tieghu.

Ghal finijiet ta’ protezzjoni tal-identita’ tal-vittma, l-Qorti qed tordna d-divjiet ta’ publikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta’ telekomunikazzjoni ta’ isem il-vittma .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------